# 50 Sena Anniversarju

Għal din is-sena l-Kumitat talab lili u lill-Viċi President biex nagħmlu intervista lis-Sinjura Karmena Borg, dwar id-dijadema tad-deheb ta' San Ġorġ.

**KIF NIBTET DIN IL-ĦOLMA TAD-DIJADEMA?**

Kienet is-sena 1956, meta l-festa ta' San Ġorġ Martri kienet għadha tiġi ċċelebrata f' Mejju. Kien il-Ħadd ħruġ min-niċċa ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ u fost ħerqa kbira tan-nies li kien hemm fuq iz-zuntier biex jaraw dan il-ħruġ ta' l-istatwa, is-Sinjura Karmena Borg imlaqqma ta' Sikkina qalet lill San Ġorġ biex irebbaħha l-Lotterija Nazzjonali biex imbagħad tagħmillu d-dijadema tad-deheb. Is-Sinjura Borg oriġinarjament riedet tħallas il-ventartal tal-artal maġġur biex isir kollu tal-fidda, imma qalulha li dak ma jistax jimbidel għax sabiħ ħafna. Il-preċiżi kelmiet ta' Karmena hekk kif l-istatwa titulari kienet fuq iz-zuntier qaltlu, San Ġorġ rebbaħni l-lotterija ħa nneħħilek dik ta' rasek u nagħmilhielek tad-deheb. Kif spiċċat il-funzjoni tal-ħruġ min-niċċa dak inhar stess filgħaxija kienet se titla l-lotterija nazzjonali. Karmena kif telqet minn fuq iz-zuntier marret lura lejn id-dar fi Triq Santa Katarina. Barra, ħdejn il-bieb tad-dar kien hemm oħtha Wiġa, li kif rat lil oħtha Karmena għajtitilha biex jidħlu ġewwa biex jisimgħu t-tlugħ tal- lotterija minn fuq ir-redifjuxin għax daqt kienet se titla . Karmena lil oħtha Wiġa qaltilha li l-lotterija se jirbaħha xi ħadd jew Qormi jew Żebbuġi għax dak inhar kien San Filep.



Fuq il-biljett Karmena kienet kitbet Suor Konċettina li kienet soru tal-klawsura ta' Santa Katarina l-Belt. Karmena niżżlet dan l-isem fuq il-biljett għax kienet ilha ftit mejta u din is-soru kienet ħabiba ma oħt Karmena, li kienet soru wkoll tal-klawsura ta' Santa Katarina.

Wasal il-ħin tat-tlugħ, li dak inhar kien tella l-lotterija Dr.Jake Frendo Azzopardi, li ħabbar l-isem tal-biljett li kien Suor Konċettina . Quddiem ir-redifjuxin ma Karmena kien hemm il-familja tagħha jisimgħu t-tlugħ. Meta mbagħad tħabbar in-numru tal-biljett li kien 108222 kien hemm għajjat ta' ferħ kbir għax Karmena kienet rebħet il-lotterija u f' ħakka t' għajn id-dar saret qisha każin, in-nies kulħadd beda jifraħ lil Karmena Borg u lil Karmni Camilleri, għax il-biljett kien inxtara bejn tnejn.

Wara li kienet għaddiet il-festa ta' San Ġorġ , Karmena flimkien ma żewġha Ġorġ

qabdu t-triq lejn in-Naxxar biex jordnaw id-dijadema tad-deheb lil San Ġorġ, biex il-wegħda tagħha li kienet għamlet fuq iz-zuntier ma San Ġorġ tkun żammitha.



Id-dijadema marru biex jordnawha mingħand l-arġentier, is-Sur Joseph Pirotta, li l-ħanut tiegħu kien fi triq dejqa ma ġenb il-knisja parrokkjali tan-Naxxar. Kif daħlu fil-ħanut is-Sinjura Borg l-ewwel kliem tagħha mas-sur Pirotta kien, Ġejt nordna dijadema tad-deheb lill-maħbub tagħna San Ġorġ Martri .

Is-Sinjura Borg insistiet biex ma jkunx hawn oħra bħalha f' Malta, fuq ir-ras ta' xi qaddis ieħor u li tkun tad-deheb mastizz u mhux xi pjanċa. Is-Sur Pirotta qalilha, li kien lest jagħmilha kif tixtieq. Għad-disinn ħaseb is-Sur Pirotta, li kien qabbad lis-Sur Manwel Buhagiar, imwieled il-Birgu. Meta tlesta d-disinn Karmena flimkien ma żewġha reġgħu telgħu lejn in-Naxxar biex jaraw id-disinn u kif rawh Karmena tgħidtx kemm ferħet, anke dmugħ minn għajnejha ħareġ, għax tassew kien disinn tajjeb u sabiħ. Din id-dijadema kienet ġiet tiswa s-somma ta' Lm550 lira Maltin, dak iż-żmien. Wara li telqu min-Naxxar lejn Ħal Qormi baqgħu sejrin isibu lill-arċipriet, li dak iż-żmien kien Dun Gerald Frendo biex għidulu x'kienu għamlu. L-Arċipriet Frendo feraħ ħafna bl-idea ta' Karmena u ta' Karmni u beda t-triq għar-rikors. Ir-rikors tlesta u ntbagħat fl-4 ta' Lulju 1956. Fl-20 ta' Awissu 1956 l-Isqof Emanwel Galea bagħat id-digriet lill-Arċipriet Frendo li d-dijadema tista issir. Meta tlestiet id-dijadema, l-Arċipriet Frendo pprepara festa kbira biex tiġi mżanżna d-dijadema fuq ras l-istatwa titulari ta' San Ġorġ Martri.



Ta min jgħid li sfortunatament ir-raġel ta' Karmena ma kellux ix-xorti li jaraha fuq ras San Ġorġ għax kien miet fid-19 ta' Ottubru 1956.



Il-Ħadd, 26 ta' Mejju, 1957, kienet ġurnata mistennija mill-Qriema kollha għax f'dik il-ġurnata kellha tiżżanżan id-dijadema fuq ras San Ġorġ Martri.

Waqt il-marċ li kien sar mill-Banda San Ġorġ Martri tul it-triq sal-knisja Arċimatriċi, id-dijadema żammewha t-tifel ta' Karmena Borg, li kien jismu Twanny u Salvinu Seisun, in-neputi ta' Karmni Camilleri li kellha l-biljett bi sħab ma Karmena Borg. Kif intemm il-marċ sar diskors tal-okkażjoni mill-Avukat Qormi Ġorġ Żammit. Wara sar it-tberik tad-dijadema minn Monsinjur Carmelo Sammut, li kien Qormi wkoll. Għal din iċ-ċerimonja kemm minn fejn għaddiet il-banda u kemm fuq iz-zuntier kien hemm folla kbira ta' nies.

Ta min isemmi li l-istess monsinjur ftit xhur wara ċ-ċerimonja tat-tberik tad-dijadema, eżattament fit-28 ta' Awissu kien ħalla din id-dinja u ngħaqad mal-Mulej. Il-Monsinjur fit-testment tiegħu kien ħalla bil-miktub li s-salib pettorali tiegħu, tad-deheb, għandu jingħata lill-knisja ta' San Ġorġ u jibda jintlibes ma għonq il-vara titulari ta' San Ġorġ Martri.

F'ismi u f'isem il-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri nirringrazjaw minn qalbna lis-Sinjura Karmena Borg għall-għajnuna kbira tagħha lejn il-Kumitat Festi Esterni, u lejn il-festa li hi dejjem kellha u għad għandha għal qalbha. Wara 50 sena, illum għadna ngawdu u ngħożżu l-opra kbira u sabiħa li nħolqot fis-sena 1956 u saret realta , bis-saħħa ta' dawn is-sinjuri, Karmena Borg u Karmni Camilleri, fil-festa tal-ħruġ min-niċċa fis-sena 1957.

***Joe Spiteri - Viċi President*** ***Josef Aquilina - Viċi Segretarju***